MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2011

Numru. 289/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Victor Aquilina**
**Spettur Ramon Mercieca**

**vs**

**Geoffrey Muscat**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Geoffrey Muscat ta’ 35 sena, iben Mario u Grace nee’ Vella, imwieled Pieta nhar id-9 ta’ Mejju 1970 u li joqghod No. 21, Flat 3, Warda Mistika, Triq San Gorg in-Naxxar, detentur tal-karta ta’ l-identita 237470(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1) Fl-14/01/06 ghall-habta tal-4.00p.m. waqt li kien f'dawn il-Gzejjer u cioe' 'Warda Mistika' No. 21 go Triq San Gorg in-Naxxar, minghajr il-hsieb li joqtol jew li iqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna ferita gravi fuq il-persuna ta' Carmel Ellul hekk kif iccertifika Dr Malcolm Caruana M.D. Reg. 2864 ta' l-isptar San Luqa liema ferita tista tikkaguna debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew tista ggib difett f'parti ta' l-ghamla tal-gisem jew tista ggib mankament jew sfregju fil-wicc;

2) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kisr il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija minbarra l-piena applikabbli skond il-ligi, tapplika l-provedimenti that l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' Carmel Ellul u Joanna Ellul minn Naxxar.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 28 ta' Marzu 2006 (esebit a fol. 11 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2006 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw incident li nqala' fl-14 ta' Jannar 2006 ghall-habta tal-4.00pm fil-fond 21, Warda Mistika, Triq San Gorg, in-Naxxar bejn il-konjugi Ellul u l-konjugi Muscat li jghixu fl-istess blokk ta'

appartamenti f'zewg appartamenti wiehed fuq l-iehor. L-imputat Geoffrey Muscat qed jigi addebitat bl-imputazzjoni li f'dan l-incident volontarjament ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta Carmel Ellul kif ukoll talli kiser il-buon ordni u paci pubblika b'ghajjat u glied.

Il-Qorti tinsab rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti ghal kollox konfliggenti u cioe' min-naha l-wahda il-verzjoni moghtija mill-konjugi Ellul u min-naha l-ohra l-verzjoni moghtija mill-konjugi Muscat.

Carmel Ellul, l-allegat vittma li xehed in ezami waqt l-udjenza tal-10 ta' Novembru 2006 u in kontro-ezami waqt l-udjenza tat-12 ta' Frar 2010 jghid li fil-gurnata u hin in dizamina martu Joanne Ellul u hu kienu telghin it-tarag tal-komun sabiex jitilghu fuq il-bejt meta ltaqghu ma Marthese Muscat, mart l-imputat, li kienet nizla t-tarag u z-zewg nisa hakkew ma xulxin u f'dan l-istadju wara li Marthese Muscat nizlet zewg targiet hija bdiet tghajjarhom 'selvaggi u annimali' u mbaghad baqghet nizla u dahlet f'darha. Carmel Ellul isostni li huma telghu it-tarag u dahlu fil-washroom taghhom meta wara ftit minuti tela' l-imputat, dahal fil-washroom taghhom, beda' jghajjat u jimbotta lil Joanne Ellul u meta hu u martu bdew jghidu lill-imputat sabiex johrog il-barra mill-propjeta' taghhom huwa kompla jimbotta lil Joanne Ellul u imbaghad beda' jimbotta anki lil Carmel Ellul. Dan tal-ahhar isostni li f'dan l-istadju l-imputat beda' jfajjarlu d-daqqiet bl-addocc u kompla jaghmel hekk anki meta hargu mill-washroom ghal fuq il-passagg tal-komun. Carmel Ellul jghid ukoll li fil-frattemp telghat mart l-imputat li bdiet tghid lil dan tal-ahhar 'ser toqtlu ser toqtlu'  u imbaghad l-imputat u martu nizlu l-isfel u Ellul jispjega li hu u martu wkoll nizlu isfel u cemplu lil missier il-mara sabiex jehodhom l-Ghassa sabiex jaghmlu rapport fejn imbaghad is-Surgent baghtu l-policlinic sabiex jigi ezaminat minn tabib. Huwa qal li mic-certifikat mediku nserit a fol. 14 tal-atti processwali jirrizulta li l-griehi minnu sofferti kienu ta' natura gravi. Mil-imsemmi certifikat fil-fatt jirrizulta li l-griehi li kellu Carmel Ellul meta gie ezaminat fl-Emergenza tal-Isptar San Luqa kienu jikkonsistu fis-segwenti:

*'Lacerated wound 1cm long above left brow. 2 haematomas approximately 1cm in diameter over forehead. Tenderness over forehead and right temporomandibular joint and cheek. Tenderness over right side of neck. Tnederness over sternum.'*

Meta xehed in kontro-ezami Ellul qal li huwa ma kien ta ebda daqqiet lil Muscat u li ma kienx ra xi griehi fuqu u sostna li l-unika haga li kien qal lil Muscat kienet sabiex jitlaq 'il barra mill-propjeta' tieghu, u cioe milll-washroom.

Joanne Ellul, mart Carmel Ellul, li xehdet waqt l-udjenza tal-10 ta' Novevembru 2006 essenzjalment irribadiet dak li kien qal zewgha fix-xhieda tieghu izda qalet ukoll li meta l-imputat tela' fil-washroom taghhom u beda' jghajjat u jghajjarha, jimbuttaha u jistaqsiha ghalfejn kienet ghajret lil martu. F'dak l-istadju ir-ragel taghha beda' jiddefendiha u l-imputat beda' jagredixxi lil zewgha. Hija qalet ukoll li kienet sofriet xi griehi ta' natura hafifa bhala konsegwenza ta' dan l-agir da parti tal-imputat izda f'dan ir-rigward irid jigi rilevat li l-imputat ma jinsabx akkuzat li kkaguna tali griehi fuq il-persuna ta' Joanne Ellul.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat irrilaxxja stqarrija (inserita a fol. 12 u 13 tal-atti processwali) u ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri[1] fejn huwa spjega li qabel l-incident li jifforma l-mertu tal-kawza odjerna kien hemm diverbji ohra bejn il-konjugi Ellul u l-konjugi Muscat izda qal li hu u martu dejjem pruvaw jirrangaw l-affarijiet ghaliex kienu jghixu fl-istess block appartamenti mal-konjugi Ellul. Huwa spjega li fil-gurnata u l-hin in dizamina martu Marthese Muscat kienet telghat fuq il-bejt u waqt li kienet niezla t-tarag huwa sema' xi ghajjat u malli dahlet fl-appartament taghhom wara li stqasiha x'kien gara hija rrispondiet li kienet iltaqghet mal-konjugi Ellul fit-tarag u li dawn m'ghamlulhiex wisgha sabiex tghaddi u meta ghaddiet minn hdejhom Joanne Ellul kienet tatha daqqa fuq genbha u bdiet tghajjarha 'selvaggja u annimal'. L-imputat qal li peress li l-affarijiet

[1] Traskrizzjoni tax-xhieda relattiva inserita a fol.  92 sa 103 tal-atti processwali.

kienu kwitaw bejniethom f’dawk l-ahhar zminijiet huwa tela’ fuq il-bejt sabiex jitkellem mal-konjugi Ellul u jara ‘il ghala huma kienu regghu bdew jagixxu b’dak il-mod. Huwa sostna li malli tela’ tarag u wasal barra l-washroom tal-konjugi Ellul fejn kien hemm il-bieb miftuh b’tali mod li jimblokka in gran parti il-passagg komuni li jaghti ghal fuq il-bejt hu staqsa lill-konjugi Ellul x’kienet ir-raguni ‘il ghala huma ma kienux hallew lil martu tghaddi mit-tarag u ‘il ghala kienu ghajruha ‘annimal’ u huma t-tnejn bdew jitkellmu f’daqqa u huwa rrispondihom li l-komun kellu dritt juzah kulhadd. L-imputat qal li f’dan l-istadju Carmel Ellul beda’ jghajru u li Joanne Ellul bdiet timbuttah minn sidru b’tali mod li huwa kellu jersaq lura lejn il-hajt li jifred iz-zewgt ibjut u fl-istess hin bdiet tghajjar lilu u lil martu, li saddanittant kienet regghat telghat ghaliex semghat l-ghajjat, ghaliex huma ma kellhomx tfal. L-imputat kompla jghid li f’dan il-mument ra lil Carmel Ellul li kien fuq il-lemin tieghu jersaq lejn martu Marthese li kienet fuq ix-xellug tieghu u beda jiftah idejh jidghi u jghajjat f’wiccha u huwa meta ra dan il-komportament agressiv haseb li Ellul kien ser ihebb ghal martu u huwa ghalhekk resqu minn quddiemha u mbuttah mal-bieb tal-washroom. F’dak il-mument, dejjem skond l-imputat Ellul beda’ jxejjer idejh f’wiccu u laqtu f’ghajnejh il-leminija u f’ghonqu fl-istess naha. L-imputat jghid li malli Ellul laqtu f’ghajnejh huwa ma jafx ezattament x’gara izda jahseb li huwa wkoll beda jxejjer idejh u jista’ jkun li laqtu. L-imputat qal ukoll li Ellul telaq jigri lejn il-washroom u qallu ‘issa nirrangjak’ u kompla jidghi. L-imputat spjega li hu u martu nizlu lura fl-appartament taghhom ghaliex hassuhom mhedda minn Ellul li f’okkazzjonijiet precedenti kien qallu kliem fis-sens li kien ser jaqtalu rasu. L-imputat qal ukoll li hu u martu bezghu ukoll il-ghaliex kienu jafu li l-konjugi Ellul kienu juzaw il-washroom bhala kcina u meta semghu il-hoss tal-pozati fil-washroom bezghu li Ellul kien ser johrog ghalihom b’xi sikkina. L-imputat qal li kien ra ftit tad-demm ma wicc Ellul u spjega wkoll li huwa kellu griehi hfief f’ghajnejh u grif f’ghonqu skond ma jirrizulta mic-certifikat mediku u mir-ritratti esebiti a fol. 104 sa 107 tal-atti processwali. L-imputat spjega inoltre li martu u hu pruvaw icemplu l-Ghassa sabiex jaghmlu rapport izda ma rrisponda hadd u wara ftit minuti gew il-Pulizija ihabtulhom

il-bieb u huwa ghamel rapport maghhom dak il-hin dwar dak li kien gara u s-Surgent baghtu l-Policlinic sabiex igib certifikat mediku izda qallu sabiex ihalli ftit tal-hin qabel ma jmur peress li kienu ghadhom kemm marru il-konjugi Ellul u dan sabiex ma jinqalghax aktar inkwiet. Huwa qal ukoll li hemm proceduri pendenti quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta fis-seduta tad-distrett fejn Ellul kien qed jigi akkuzat li kkagunalu il-griehi ta’ natura hafifa minnu sofferti.

Meta xehdet Marthese Muscat, mart l-imputat, waqt l-udjenza tas-27 ta’ Jannar 2011 hija kkorroborat in toto l-verzjoni tal-fatti moghtija minn zewgha u spjegat li fil-mori tal-kawza odjerna kienu nqalghu incidenti ohra mal-konjugi Ellul fejn fost affarijiet ohra dawn tal-ahhar kienu hallew nota dispreggjattiva (inserita a fol. 119) fejn qalulha li ma kellhiex dritt thalli l-garbage fl-indana komuni.

Ikkunsidrat:

Illi huwa principju oramai stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna li mhux kull konflitt fil-provi ghandu jwassal ghall-liberatorja tal-imputat u li x-xhieda ta’ xhud wiehed biss jekk emnuta tista’ twassal ghal sejbien ta’ htija. Fil-kaz odjern izda din il-Qorti li ghexet dan il-process mill-bidu sal-ahhar u li kellha l-opportunita’ tisma’ l-partijiet kollha nvoluti fl-incident in dizamina ghal darba darbtejn u li fliet bir-reqqa il-provi kollha prodotti mill-partijiet anki billi qrat l-atti processwali aktar minn darba ghandha dubji serji dwar il-kredibilita’ tal-konjugi Ellul. Ghalkemm huma essenzjalment ikkoroboraw il-verzjoni moghtija minn xulxin din il-Qorti ssibha difficli temmen li Carmel Ellul ma ghamel xejn u ma qal xejn kif qed isostni hu jew li huwa ma ra ebda griehi fuq l-imputat. Irid inoltre jigi rilevat li filwaqt li meta l-konjugi Ellul xehdu f’dawn il-proceduri huma qalu li kienet Marthese Muscat li bdiet tghajjarhom ‘annimali u selvaggji’ u huma ma qalulha xejn fl-okkorrenza inserita a fol. 20 sa 22 tal-atti processwali hemm indikat li a tempo vergine il-konjugi Ellul qalu li Muscat ghajret lil Joanne Ellul ‘selvaggja’ u li Ellul irrispondiet billi ghajritha ‘annimal’. Il-Qorti anki wara li qieset il-komportament ta’ dawn ix-xhieda fuq il-pedana

tax-xhieda, specjalment l-atteggjament agressiv ta' Carmel Ellul meta xehed in kontro-ezami, ghandha dubji serji dwar il-kredibilta' tal-verzjoni tal-fatti moghtija milll-konjugi Ellul u jidrilha li huwa pjuttost verosimili li l-griehi li sofra Ellul gew kagunati meta waqt li huwa agredixxa lill-imputat u laqtu f'ghajnejn dan beda' jxejjer idejh ghaliex bdiet tugghu ghajnejh bid-daqqa li kien qala' minghand Ellul u ma bediex jara u lli huwa spicca sabiex involontarjament laqat lil Ellul. In vista tal-fatt li jezisti dan in dubju li effettivament il-griehi li kellu Ellul setghu gew ikkagunati involontarjament meta huwa kien gie agredit mill-istess Ellul ovvjament dan id-dubju ghandu jimmilita favur l-imputat u ghalhekk ma jistghax jitqies li tirrizula r-rejita' da parti tieghu. Il-Qorti izda tghid ukoll li huwa hafna aktar kredibbli l-imputat meta kemm a tempo vergine kif ukoll meta xehed f'dawn il-proceduri qal li huwa kien xejjer idejh fid-direzzjoni ta' Ellul u li jista' jkun li laqtu u li kien ra d-demm f'wicc Ellul milli dan tal-ahhar li min-naha l-ohra qal li la kien kellem u l-anqas kien miss lil-imputat u li ma kien ralu ebda griehi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tiliberah mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------